# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Novembru, 2000 .

### Citazzjoni numru : 3/1998G1(PC)

**John u Elizabeth konjugi Mizzi .**

**VS**

**Anthony Tabone,**
**Winnifred Tabone mart l-istess Anthony Tabone .**

**Il-Qorti ;**
**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara illi ppremettew :**

**Illi huma kredituri tal-konvenuti fis-somma ta' hdax-il elf tlett mija u sebgha u sittin lira, tmienja u ghoxrin centezmu (LM11367.28) bilanc ta' prezz ta' gebel lilhom mibjugha u konsenjat kif jirrizulta mill-fattura dok A ;**

**Illi meta interpellati biex ihallsu din is-somma l-konvenuti ammettew li ghandhom jaghtuha pero' qalu li ma ghandhomx flus f'idejhom biex ihallsu imma biex ihallsu jridu qabel idahhlu xi krediti li ghandhom favur taghhom .**

**Talbu lill-konvenuti jghid ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati minn din il-Qorti li jhallsu lill-atturi s-somma fuq imsemmija ta' hdax-il elf tlett mija sebgha u sittin lira u tmienja u ghoxrin centezmu (LM11367.28), bilanc ta' prezz ta' gebel lilhom mibjugh u konsenjat .**

**Bl-imghax legali u bis-Sisa skond il-Ligi u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess atturi debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Elizabeth Mizzi .**

**Rat ukoll id-dokumenti kollha annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' dokument A li huwa invoice datat 15 ta' Ottubru 1997, dwar il-bilanc allegatament dovut mill-konvenut .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Tabone li permezz taghha huwa eccepixxa illi jammetti li hija dovuta lill-atturi is-somma ta' hdax-il elf tlett mija u sebgha u sittin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (LM11.367.28) pero' qieghed jikkontesta it-talba ghal hlas tal-imghaxijiet u tat-taxxa tas-Sisa .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat ukoll id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut minnu konfermata bil-gurament .**

**Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Winnifred Tabone li eccepiet :**

1. **Illi t-talba attrici ghal kundanna ta' hlas in kwantu diretta kontra l-eccipjenti hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi ;**

2. **Illi l-esponenti ma kkuntrattat ebda dejn mal-atturi u d-dejn sar mill-konvenut l-iehor Anthony Tabone fl-ezercizzju tas-sengha u l-professjoni tieghu ;**

3. **Illi d-dejn mill-konvenut Anthony Tabone sar ad insaputa u minghajr il-kunsens tal-eccipjenti u l-eccipjenti m'ghandhiex tigi tenuta responsabbli flimkien ma' zewgha ghal hlas tad-dejn kuntrattat minnu ma' l-atturi ;**

4. **Illi l-eccipjenti hija separata *de facto* minn mal-konvenut l-iehor Anthony Tabone u bejniethom hemm proceduri quddiem din il-Qorti ghal separazzjoni personali li ilhom issa pendenti ghal dawn l-ahhar erbatax il-sena u minkejja li saru diversi tentattivi mill-eccipjenti kemm mal-konvenut l-iehor Anthony Tabone kif ukoll permezz ta' diversi rikorsi quddiem din il-Qorti biex il-kawza ta' bejniethom tigi deciza bla aktar tnikkir jew almenu tigi terminata l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom, din il-kawza ghadha pendenti u tinsab stallata u sfortunatament mhu jsir prattikament xejn mill-Qorti biex il-provi kollha jigu finalizzati minghajr dewmien bla bzonn u l-kawza tigi deciza bi spedjenza u skond il-ligi .**

5. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta Winnifred Tabone debitament ikkonfermata bil-gurament taghha .**

**Rat ukoll in-nota tal-konvenuta Winnifred Tabone pprezentata fil-11 ta' Mejju tas-sena elfejn u permezz taghha esebiet kopja ta' kuntratt ta'**

**separazzjoni li sar fl-atti tan-nutar Dr. Enzo Dimech, fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena 1999, li gie mmarkat bhala dokument WT 1, u jinsab ukoll anness ma' l-atti ta' din il-kawza .**

**Il-Qorti ghal hekk in vista ta' l-ammissjoni tal-mertu mill-konvenut Anthony Tabone, u fid-dawl ukoll ta' kontenut tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-konvenuti, imsemmi aktar 'il fuq f'din il-kawza, u specifikament fejn ghal dak li jirrigwardja l-paragrafu fl-istess att ta' separazzjoni, illi jghid " ... il-komunjoni ta' l-akkwisti qeghda tigi tterminata b'effett mil-lum, il-partijiet jaccettaw ukoll li l-akkwisti u djun li kull parti ghamlet separatament mill-1 ta' Lulju, 1984 'l hawn, u cioe' minn dak inhar li giet intavolata l-kawza mill-komparenti Anthony Tabone kontra martu Winnifred Tabone, ghas-separazzjoni personali sal-lum, ghandhom jitqiesu bhala akkwisti tal-parti li akkwistahom, u d-djun ghandhom jibqghu a karigu tal-parti li inkorriethom" .**

**Il-Qorti ghal hekk, u in vista ta' din id-dikjarazzjoni wkoll, fl-istess kuntratt ta' separazzjoni, u fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-istess Anthony Tabone, tal-mertu involut f'din ic-citazzjoni, tiddecidi dwar l-istess mertu billi tilqa' t-talba attrici; tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma indikata fic-citazzjoni u cioe' s-somma ta' hdax-il elf tlett mija sebgha u sittin lira maltija, u tmienja u ghoxrin centezmu (LM11367.28), bilanc ta' prezz ta' gebel mibjugh lilu w ikkonsenjat mill-istess atturi .**

**Ghar-rigward ta' l-istess eccezzjoni tal-istess konvenut Anthony Tabone fejn huwa jikkontesta t-talba ghal hlas ta' l-imghaxijiet u t-taxxa tas-Sisa, ma gew prodotti ebda provi jew ragunijiet ghaliex l-istess imghaxijiet jew taxxa ma ghandhomx ikunu dovuti, mill-istess konvenut, u ghal hekk il-Qorti tilqa' wkoll l-istess talba, u tikkundanna lill-istess konvenut Anthony Tabone jhallas lill-atturi l-imghaxijiet fuq l-istess somma bilancjali, kif ukoll it-taxxa tas-Sisa, illum taxxa tal-Vat, pagabbli fuq l-istess ammont .**

**L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssapportati kollha kemm huma mill-konvenut Anthony Tabone .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S398Pc

916